



Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0006(NLE)

6717/26
ADD 1

LIMITE

PROBA 10
AGRI 138
WTO 30

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ u metodu ġdid ta' analiżi biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu f'dawn iż-żjut

ANNEX

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC)

L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa l-emendi li ġejjin għall-istandard kummerċjali tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC, International Olive Council) (L-istandard kummerċjali COI/T.15/NC Nru 4 li japplika għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ):

- (1) ir-reviżjoni ta' nota f'qiegħ il-paġna dwar il-kontenut totali tal-isterol f'xi żjut taż-żebbuġa ekstra verġni monovarjetali billi tiżdied il-varjetà Coratina mal-varjetajiet Koroneiki u Nocellara del Belice;
- (2) iż-żieda tal-metodu l-ġdid ta' analiżi biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu fiż-żjut taż-żebbuġa u fiż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ.

L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa wkoll id-deċiżjoni li tapprova metodu ġdid ta' analiżi (COI/T.20/Doc. Nru 38) li jipprevedi alternattiva aktar sikura għall-metodu attwali tal-IOC (COI/T.20/Doc. Nru 35) biex jiġi ddeterminat il-valur tal-perossidu fiż-żjut taż-żebbuġa u fiż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri tal-IOC jistgħu jiftiehemu dwar adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk dawk l-adattamenti tekniċi jirriżultaw minn emendi msemmija fl-ewwel paragrafu.